

**IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-KOORDINAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI****DEĊIŻJONI Nru H9****tas-17 ta' Ġunju 2020****dwar il-posponiment tal-iskadenzi msemmija fl-Artikoli 67 u 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif ukoll fid-Deċiżjoni Nru S9 minħabba l-Pandemija tal-COVID-19****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Ftehim KE/Żvizzera)**

(2020/C 259/03)

IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-KOORDINAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 72(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali <sup>(1)</sup>, li skontu hija responsabbiltà tal-Kummissjoni Amministrattiva li tittratta l-kwistjonijiet amministrattivi kollha jew il-kwistjonijiet kollha ta' interpretazzjoni li jinħolqu mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidrat l-Artikoli 35 u 65(8) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, u l-Artikoli 67 u 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009,

Wara li kkunsidrat il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li tista' tiġi invokata forza maġġuri jekk in-nonkonformità mal-obbligi ġuridiċi kienet attribwita għal ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll ta' dak li jkun, li kienu anormali u imprevedibbli u l-konsegwenzi tagħhom ma setgħux jiġu evitati minkejja l-eżerċitar tad-diliġenza kollha dovuta (ara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Lulju 1995, C-391/93 *Perrotta*, EU:C:1995:240)

Billi:

- (1) L-Istati Membri ġew affettwati b'mod uniku mill-konsegwenzi tal-imxija tal-COVID-19. Il-kriżi xxekkel b'mod sinifikanti l-proċeduri ta' ħidma normali fl-istituzzjonijiet rilevanti fl-Istati Membri u toħloq sitwazzjoni eċċezzjonali fejn l-operat normali tal-proċeduri ta' rimborż mhuwiex possibbli.
- (2) Meta jiġu applikati r-regoli dwar ir-rimborż fl-Artikoli 67 u 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009, jeħtieġ titqies kemm hi unika s-sitwazzjoni.
- (3) Minħabba l-fatt li s'issa l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet kompetenti tagħhom ġew affettwati b'mod differenti mill-imxija tal-COVID-19, u l-iżvilupp ulterjuri tal-imxija għadu mhux prevedibbli, se jkun meħtieġ li s-sitwazzjoni tiġi kontinwament immonitorjata. Meta u fejn meħtieġ, din id-deċiżjoni jenħtieġ li tiġi modifikata kif meħtieġ u l-ftehimiet addizzjonali bejn l-Istati Membri jkunu jstgħu jiġu konklużi

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

1. L-iskadenzi kollha għall-introduzzjoni u l-ħlas tat-talbiet imsemmija fl-Artikoli 67 u 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 kif ukoll fid-Deċiżjoni Nru S9 li jintemmu bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020 inklużi, għandhom jiġu estiżi għal perjodu ta' sitt xhur.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandha tapplika mit-18 ta' Ġunju 2020.

*Il-President tal-Kummissjoni Amministrattiva*

Blaženka KAMENJAŠEVIĆ

<sup>(1)</sup> ĠUL 166, 30.4.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUL 284, 30.10.2009, p. 1.